*Qorti tal-Appell Kriminali*

*Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.*

**Appell Nru: 195/2017**

*Il-Pulizija*

*Vs*

*Joseph Frendo*

Illum is-26 ta' Ġunju 2019;

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Joseph Frendo, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 271174M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-30 ta' Ottubru, 2015, bejn l-16:00 PM u s-18:00 PM, gewwa l-fond Blk 13, Bieb 1, Flat 7, Trejqet il-Liedna, Santa Lucija:

1. Ghad li kellu l-jedd li jwiddeb lil haddiehor, hareg barra mill-qies u dan bi ksur tal-Artikolu 339(h) tal-Kodici Kriminali;
2. U li hebb ghall-persuna ta' Alfred Frendo ta' tlettax–il sena u kkawzalu offiza ta' natura hafifa hekk kif certifikat mit-tabib David Fenech, Reg 2555, mic-Centru tas-Sahha ta' Floriana, u dan bi ksur tal-Artikolu 221(1) tal-Kodici Kriminali.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-18 ta' April, 2017, fejn il-Qorti sabet lill-imputat mhux hati tal-ewwel imputazzjoni kontestata lilu stante li din hija milquta mill-preskrizzjoni trimestrali u ghalhekk illiberatu minn kull htija u piena dwarha, sabitu hati tat-tieni mputazzjoni

skond kif imsemmi aktar 'il fuq u kkundannatu ghall-piena ta' tliet xhur prigunerija. Rat l-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali u ordnat li din is-sentenza ma ghandhiex tibda ssehh ghajr hlief jekk il-hati jikkommetti reat iehor li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija fi zmien sena mill-lum. Il-Qorti wissiet lill-hati bi kliem semplici u li jinftiehem il-konsegwenzi li jitnisslu fil-kazijiet imsemmija fl-Artikolu 28B tal-Kodici Kriminali jekk jikkommetti reat iehor fil-perjodu operattiv ta' din is-sentenza. Il-Qorti ghamlitha cara li din is-sentenza inghatat minghajr pregudizzju ghal kwalunkwe drittijiet li l-partijiet jista' jkollhom fil-fora civili, inkluz dawk relattivi ghall-access ghall-minuri.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Joseph Frendo, pprezentat fit-28 ta' April, 2017, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tirriforma s-sentenza msemmija moghtija fit-18 ta' April, 2017, billi:

> [i] tikkonfermaha in kwantu ma sabitx lill-esponent Joseph Frendo hati tal-ewwel imputazzjoni kontestata lilu stante li din hija milquta mill-preskrizzjoni trimestrali u ghalhekk illiberatu minn kull htija u piena dwarha;
>
> [ii] tirrevokaha in kwantu ghall-bqija billi tiddikjara lill-esponent mhux hati anki tat-tieni mputazzjonijiet u li taghha gie misjub hati – u b'hekk l-esponent jigi dikjarat hieles minn kwalunkwe mputazzjoni u piena.
>
> [iii] subordinament, u bla pregudizzju ghat-talba precedenti, l-esponent jitlob li f'kaz ta' konferma ta' htija tat-tieni mputazzjoni, dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tapplika fil-konfront tieghu piena ehfef u aktar addattata fic-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz, senjatament, li tnehhielu l-piena karcerarja, ghalkemm sospiza, nflitta mill-Ewwel Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, Joseph Frendo, huma s-segwenti w *cioe'*:-

(a) L-Ewwel Qorti ma messha sabet lill-esponent hati ta' ebda wahda mill-imputazzjonijiet dedotti kontrieh;
(b) Subordinament u bla ebda pregudizzju ghal dak li ntqal dwar in-nuqqas ta' htija, dik il-Qorti messha, fic-cirkostanzi tal-kaz, tat piena ehfef u aktar addattata lill-esponent.

L-EWWEL AGGRAVJU – Illi l-fatti kif svolgew kellhom joholqu dak id-dubju f'mohh il-gudikant illi l-fatti bhala stat ta' fatt effettivament graw kif spjeghom l-esponent. Huwa ma kienx hebb ghal ibnu Alfred ta' 13 –il sena u kkawzalu offiza ta' natura hafifa, izda kien biss zammu minn spallejh biex ma jhallihx imur ghall-loghob tal-Playstation b'konsegwenza li Alfred spicca sempliciment bi hmura

fejn kien zammu missieru. Hemm differenza enormi bejn persuna li ssofri ferita hafifa (hmura) peress li hi tkun offriet rezistenza. L-esponent spjega li l-incident li kien hemm sehh meta t-tifel Alfred ried akkpst ta' kollox jiehu ghand ommu l-loghba tal-Playstation. Missieru zammu minn spallejh u t-tifel ghamel rezistenza. B'hekk ssaret il-hmura li ccertifika t-tabib u mhux b'xi mod iehor. Ghalkemm it-tifel naturalment inkiser u anki beka, pero' d-dixxiplina u l-agir li wergha l-esponent fil-konfront ta' ibnu Alfred kien kollu fil-limiti tal-korrettezza bhala missier. L-esponent fl-ebda hin ma hebb ghal ibnu Alfred izda biss wergha dixxiplina ma' ibnu. Irid jigi rilevat illi l-esponent bhala missier kellu juri din id-dixxiplina partikularment meta fl-access precedenti t-tifel l-iehor Liam ipprova johrog l-istess loghba tal-Playstation u waqghatlu minn go hobbu huwa hiereg mill-bieb ta' barra. Inoltre, l-Ewwel Onorabbli Qorti fl-analizi taghha li wassluha ghall-konvinzjoni sal-grad rikjest mill-ligi naqset li tiehu tlett fatturi ferm importanti li jinnewtralizzaw li l-esponent ezercita forza fizika fuq il-persuna ta' Alfred Frendo;

(i) Ic-certifikat mediku jsemmi biss 'hmura madwar l-ispalla tax-xellug'. L-istess certifikat ma jsemmi l-ebda ferita fuq in-naha tal-mohh. Isemmi biss ugiegh li t-tifel Alfred qal lit-tabib David Fenech.

(ii) Il-Qorti tat importanza lix-xhieda ta' Liam Frendo meta dan ma setghax ikun li ra l-incident jigri fil-kamra tal-kcina ghax Liam kien f'kamra ohra [Ara seduta tal-20 ta' Lulju, 2016]. Liam Frendo jghid ukoll li huh Alfred kellu tbengila mentri c-certifikat mediku jsemmi hmura. Liam, li ghandu ghaxar snin, kien wisq influenzat minn dak li setghat qaltlu ommu, huh Alfred, u n-nanna materna.

(iii) Dan il-kaz gie mkabbar mill-omm Claudine Mifsud u minn ommha Karmena Mifsud meta t-tifel Alfred mar ghand ommu mbikkem li missieru ma halliehx jiehu l-loghba tal-Playstation. Minghajr lanqas biss talbet spjegazzjoni minghand l-esponent hija kaxkret lil binha l-ghassa tal-pulizija b'certifikat mediku li juri biss hmura, biex jitmexxew proceduri kontra l-missier. Hi riedet tbattielu talli ftit qabel jitmexxew proceduri kontra l-missier. Hi riedet tbattielu talli ftit qabel huwa kien ha passi kontriha talli cahditlu d-dritt tal-access ghall-liema l-Qorti mmultata €100. L-Ewwel Qorti kellha l-opportunita' tara min hi ezattament il-familja Mifsud meta f'zewg okkazzjonijiet ippruvawjinfluwenzaw lill-Qorti biex tiddeciedi l-kaz favur taghhom; l-ewwel meta nhar is-26 ta' April, 2016, Karmena Mifsud, omm Claudine Mifsud, interrompiet l-andament tas-seduta tal-Qorti u dahlet tghajjat fl-awla, bil-Qorti tummenta 'Fejn tahseb li qieghda, fuq Xarabank?!', u t-tieni meta fis-seduta tat-8 ta' Novembru, 2016, waqt li kien qed jixhed l-esponent Joseph Frendo, Claudine Mifsud f'zewg okkazzjonijiet uriet atteggjament aggressiv u bdiet tghaddi hafna kummenti dispreggjattivi, segwiti b'hafna zmorfji b'wiccha u hars minaccjuz anki fil-konfront tal-konsulent legali tal-esponent li wassal lill-Ewwel Qorti twiddibha li 'ma tistax iggib ruhha b'dak il-mod'. L-incidenti deplorevoli li ssemmi l-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha holquhom biss il-familja Mifsud. B'dan l-ardir u t-tostagni kollu

wiehed jista' facilment jinduna kif it-tifel Alfred gie mbuttat biex b'daqsxejn 'hmura' jwassal biex, kieku jistghu, anki jsallbu lill-esponent.

IT-TIENI AGGRAVJU – Illi ghar-rigward tal-aggravju dwar il-piena, li kif inghad qed jitressaq subordinament u minghajr pregudizzju ghal dak li ntqal dwar in-nuqqas ta' htija, l-piena ta' tlett xhur prigunerija, ghalkemm sospizi ghal sena, hija wisq u wisq eccessiva tenut kont tac-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz partikolari. Qed jigi sottomess dan li gej:

(i) Nonostante li l-Ewwel Qorti deherilha li 'din il-Qorti ghalhekk ma tistax tqis li dan il-kaz jaqa' taht l-Artikolu 221(3)(a) tal-Kodici Kriminali' hija xorta, tenut kont taz-zieda bi grad stante li l-offiza allegatament saret fil-konfront tal-iben, wehhlitu l-massimu ta' tlett xhur prigunerija.
(ii) L-allegata ferita tikkonsisti biss fi hmura.
(iii) Dan kien kaz ta' darba u mhux xi rizultat ta' 'domestic violence'.
(iv) L-esponent ghadu jgawdi hafna r-rispett ta' wliedu. Dak li qalet Dr. Stephanie Galea in konfront tieghu fir-rapport taghha fl-ittra ta' Medjazzjoni numru 1487/2015 [Ara kopja esebita fis-seduta tal-10 ta' Jannar, 2017], u cioe, 'illi b'mod generali, Alfred u Liam, ghandhom relazzjoni tajba kemm ma' ommhom kif ukoll ma' missierhom, u kemm ommhom kif ukoll missierhom jiehdu hsiebhom. Ma jidhirx li hemm ebda theddid ghas-sigurta' u ghall-benessere tat-tfal kemm meta jkunu ma' ommhom kif ukoll meta jkunu ma' missierhom', ghadu applikabbli anki llum il-gurnata.
(v) Iz-zewg itfal minuri, Alfred u Liam Frendo, ga sofrew hsara psikologika meta f'dawn il-proceduri, ommhom tellghathom bhala xhieda kontra missierhom. Li kieku kien vera dak allegat, l-omm sethget irrikorriet ghal rimedji ohra. Lit-tfal minuri ssirilhom hafna aktar hsara psikologika konxji mill-fatt li bix-xhieda taghhom missierhom inghata piena karcerarja, ghalkemm sospiza.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semghet trattazjoni.

Ikkunsidrat:

Illi l-ilment imqanqal mill-appellant huwa wiehed marbut mal-apprezzament tal-provi meta jishaq illi l-feriti riskontrati fuq il-minuri ibnu, konsistenti biss fi hmura

fuq spallejh, ma gewx ikkagjonati minhabba agressjoni tal-missier fil-konfront ta' ibnu, izda semplicement kienu konsegwenza ta' att ta' dixxiplina meta l-appellant zamm lil ibnu minn spallejh u dan offra resistenza tant ghalhekk li rrizultat il-hmura kif iccertifikata. Jishaq illi dan l-incident gie imkabbar minn martu, li minn maghha ghaddej proceduri ta' separazzjoni u liema proceduri huma ferm kombattuti, mimlija pika u mibeghda.

Illi fid-dawl tan-natura tal-aggravji mqajjma, tajjeb li din il-Qorti tfakkar illi huwa prinċipju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, sakemm din il-konkluzjoni ma tkunx manifestament zbaljata kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt.[1].

Illi wkoll relevanti ai fini tat-test tal-kredibbilta huwa l-artikolu 637 tal-Kodici Krimiali li jistipula li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża, *'id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ...'*, ezercizzju li l-Ewwel Qorti kellha ix-xorti taghmel u li allura, kif jirrizulta mis-sentenza appellata innifisha, ghexet il-process meta hadet qies tal-komportament tan-nies kollha involuti f'dan l-incident fejn sfortunatament

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

minhabba pika bejn genituri li ghaddejjin proceduri ta' separazzjoni difficli qed jigu involuti, kif hafna drabi jigri, it-tfal minuri tal-konjugi.

Illi din il-Qorti ghalhekk ezaminat mill-gdid l-atti tal-kawza sabiex tqies jekk l-Ewwel Qorti ezercitatx din id-diskrezzjoni b'mod zbaljat kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt, minn fejn irrizultalha illi dan l-incident inqala' meta il-minuri Alfred u Liam, ulied l-appellanti, kienu qeghdin fir-residenza tal-missier f'jum meta huwa kien qed igawdi d-dritt ta'l-access favur taghhom. Il-minuri Alfred, li kellu tlettax-il sena fi żmien l-inċident, staqsa lil missieru jekk setax jiehu l-logħob li kien xtralu tal-*playstation* mieghu d-dar għand ommu biex ikun jista' jilgħab bihom hemmhekk, izda l-appellant irrifjuta peress illi dan il-loghob kien xtraha hu u ma riedx illi dawn jintlaghbu ghand l-omm. Jidher illi l-appellant beda jgħajjar u joffendi lill-omm il-minuri u lis-sieheb tagħha. Il-minuri Alfred jishaq li missieru kien ħabbtu darbtejn mal-ħajt u filwaqt li kienu qedgħin jieklu ftit tal-ħin wara kien tah daqqa fuq wiċċu wkoll. Preżenti ghal dan l-inċident kien hemm ukoll l-iben minuri l-iehor Liam li madankollu ma kienx ntmess iżda li kien twerwer minħabba dak li kien seħħ.

Meta irritorna ghand ommu l-ghada tal-access, il-minuri Alfred ittiehed il-poliklinika fejn ġie eżaminat mit-Tabib David Fenech li ċċertifika li kien qed isofri minn ġrieħi ħfief konsistenti f'uġiegħ u ħmura madwar l-ispalla tax-xellug kif ukoll uġiegħ fin-naħa leminija tal-moħħ allavolja għal dak li jirrigwarda din l-aħħar ferita ma kienx hemm marki jew feriti vizibbli.[2] Meta l-appellant ġie mitkellem huwa ċaħad dak allegat fil-konfront tiegħu fejn stqarr li Alfred ried jieħu l-logħob li kien xtralu għand ommu izda hu ma kienx ippermettielu jagħmel. Il-minuri ipprova jiddizubbidieh minn wara daharu, izda il-missier induna u pprova irazznu minn spalltu, iżda ma sawwtux. Dakinhar stess kien irċieva telefonata mingħand l-ex mara tiegħu fejn bdiet tinsulentah u tkellmu ħażin. L-appellant stqarr li omm uliedu kienet qed tipprova tbiegħdu mit-tfal fejn anki naqqsitlu l-aċċess li kien igawdi.

[2] Folio 19 tal-atti proċesswali. Ara wkoll l-affidavit tat-tabib Fenech a folio 21 tal-proċess fejn ikkonferma l-kontenut ta' dan iċ-ċertifikat kif maħruġ minnu.

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel akkuża ta′ natura kontravenzjonali miġjuba kontra l-appellant ġiet estinta minhabba t-trapass tat-terminu tal-preskrizzjoni tal-azzjoni penali ta′ tlett xhur biex b′hekk l-uniku akkuza li dwarha l-appellant gie misjub hati kienet dik tal-offiza volontarja ta′ natura hafifa fuq ibnu minuri Alfred Falzon ta′ tlettax il-sena meta dan hebb ghalih u dan bi ksur tal-artikolu 214 u 221(1) tal-Kodiċi Kriminali. Billi Alfred Frendo huwa bin l-imputat, l-Ewwel Qorti applikat d-disposizzjonijiet tal-artikolu 222(1)(a) b′referenza partikolari ghal-artikolu 202(h) tal-Kodici Kriminali li permezz ta′l-istess il-piena mposta trid tizdied bi grad.[3]

Illi jibda biex jinghad illi l-verżjoni moghtija mill-minuri Alfred Frendo dwar l-aggressjoni li saret fuqu minn missieru hija konfliggenti ma′ dik li jaghti l-missier li minn naha tieghu jichad illi huwa hebb ghal ibnu sabiex jikkoreggieh. Il-verzjoni tal-minuri madanakollu hija korroborata minn dik ta′ ħuh, Liam, li wkoll kien fid-dar ta′ missieru dakinhar u li ra parti mit-tilwima bil-moħbi bejn missieru u Alfred. Liam fil-fatt jikkonferma illi l-appellant ħabbat lill-Alfred mal-ħajt darbtejn u jgħid ukoll li ra lill-missieru jimbottah minn għajnejh bis-saħħa. Liam ukoll jgħid li l-għada filgħodu kien nnota ħmura fuq għajnejn il-leminija ta′ Alfred kif ukoll dak li hu jiddefinixxi bħala tbenġila fuq il-parti ta′ wara ta′l-ispalla xellugija ta′ Alfred. Dawn il-feriti kienu ġew ukoll innutati minn omm Alfred li wkoll xehdet f′dawn il-proċeduri. Izda fuq kollox l-Ewwel Qorti kellha quddiemha ċ-ċertifikat mediku rilaxxjat mit-tabib David Fenech li jindika li l-minuri kellu ħmura u uġiegħ madwar l-ispalla xellugija kif ukoll l-pazjent ilmenta minn uġiegħ fuq in-naħa leminija ta′ rasu ghalkemm ma kienx hemm feriti esterni.

Mill-banda l-oħra l-appellant jgħid kif ibnu Alfred ried jieħu dan il-loghob tal-*playstation* mieghu ghand ommu bis-saħħa tant illi baqa jinsisti allavolja missieru ma ppermettilux joħodhom, sal-punt fejn skond l-appellant, Alfred ta bis-salt għal fejn kien hemm il-kabinett fejn kellhom il-*playstation* u l-logħob tiegħu filwaqt li missieru,

---

[3] *222. (1) Il-pieni msemmijin fl-artikoli 216, 217, 218 u 220, u fis-subartikoli (1) u (2) tal-aħħar artikolu qabel dan, jiżdiedu bi grad meta l-offiża ssir - (a) fuq il-persuna ta' wieħed mill-ġenituri jew ta' axxendent ieħor leġittimu u naturali, jew fuq il-persuna tal-aħwa, bniet jew subien, leġittimi u naturali, jew fuq il-persuna ta' wieħed mill-konjuġi, jew fuq il-persuna ta' wieħed mill-ġenituri naturali, jew fuq xi persuna msemmija fl-artikolu 202(h);* L-artikolu 202(h) jireferi għall-awment fil-piena fejn taħt il-paragrafu (iii) ta' dan is-subartikolu nsibu *'...meta d-delitt isir fuq il-persuna ta':(iii) axxendent jew dixxendent;..'*

kien qiegħed bil-wieqfa quddiem dan il-kabinett sabiex jimblokkalu l-passaġġ u kif raħ ġej għal fuqu, hu laqgħu minn spalltu. Jiċħad kategorikament li weġġgħu jew li hebb ghalih kif allegat minn Alfred u minn Liam u jgħid li Alfred beda jibki ghaliex ma rnexxielux jieħu dan il-loghob miegħu id-dar t'ommu u għall-ebda raġuni oħra. Jinsisti li hu kien qed jiddixiplina lill-ibnu u f'ebda mod ma ħareġ barra mill-limiti permissibli. Illi meta l-appellant irrilaxxja l-verżjoni tal-fatti tiegħu meta gie mitkellem mill-pulizija fl-istadju inizzjali tal-investigazzjoni hu stqarr li sempliċement teptep fuq dahar Alfred meta nduna li hu kien xorta waħda pprova jieħu l-logħob in kwistjoni kontra r-rieda espressa tiegħu. L-appellant ghalhekk jikkontendi illi f'dan il-kaz ma tezistiex il-prova tal-intenzjoni generika li wiehed jaghmel il-hsara kif mehtieg fir-reat tal-offiza volontarja izda l-intenzjoni kienet li huwa jiddixxiplina lil ibnu.

> ***Illi "Fil-ligi taghna, ghall-fini tar-reat ta' offiza volontarja fuq il-persuna, hi mehtiega l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. Jekk l-intenzjoni ta' l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hi zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu jrid iwiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta' l-ghemil tieghu. Dawk il-konsegwenzi jistghu jkunu gravi (artikolu 216), gravissimi (artikolu 218) jew adirittura l-mewt (artikolu 220). Bi hsara wiehed jifhem anke s-semplici sensazzjoni ta' ugigh li tigi minn daqqa minghajr il-htiega ta' lezjoni fit-tessuti. L-artikolu 214 tal-Kap.9 meta jitkellem dwar "... hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' persuna .... jew dizordni f'mohha ...." isegwi kelma b'kelma d-disposizzjoni tal-artikolu 372 tal-Codice Zanardelli. ....***
>
> ***Fi kliem iehor anke s-semplici ugigh ikkagunat minn daqqa jew percossa tammonta ghal hsara (fil-gisem jew fis-sahha) fis-sens ta' l-artikolu 214 tal-ligi taghna. Huwa proprju ghalhekk ukoll li min, bl-iskuza, tal-korrezzjoni, isawwat u per konsegwenza iwegga' tfal, jista' jkun hati ta' dan ir-reat. Wahda mill-kwistjonijiet dibattuti fit-tul u xi kultant anke b'mod akkanit, specjalment taht ir-regim tal-Codice Zanardelli kienet jekk id-daqqa ta' harta ghandhiex titqies bhala lezjoni personali (jigifieri offiza fuq il-persuna) jew ingurja. Il-Qorti osservat li din il-kwistjoni tirrisolvi ruhha verament f'wahda ta' fatt. Jekk mill-kumpless tac-cirkostanzi pre-ezistenti, konkomitanti u sussegwenti ghall-att materjali jkun jirrizulta li dak l-att materjali sar bl-intenzjoni li wiehed jikkawza imqar ftit sensazzjoni ta' ugigh, allura hemm l-animus nocendi u wiehed ikun qieghed fil-kamp ta' l-offiza volontarja fuq il-persuna.[4]"***

[4] Il-Pulizija vs Emanuel Zammit- App. Inf – 30/03/1998

Illi din kienet il-fehma tal-Ewwel Qorti meta imxiet mal-gurisprudenza iccitata, li din il-Qorti taqbel maghha perfettament. L-appellant ma jistax jinqeda bl-iskuza illi huwa refa' idejh fuq ibnu semplicement biex jiddixipplinah ghaliex jekk dik il-percossa twassal ghal ferita konsegwenzjali allura l-intenzjoni tirrizulta u hu irid iwegeb ghal hsara konsegwenzjali. Fil-fatt din kienet l-intenzjoni tal-legislatur meta fassal il-ligi dwar il-vjolenza domestika u dan sabiex ihares milli persuni fl-ambjent domestiku li jidhrilhom li ghandhom il-jedd u s-setgha jirrikorru ghal vjolenza sabiex tirrenja l-fehma taghhom jigu rinfaccjati bis-sanzjonijiet tal-ligi, anke jekk dik id-dixxiplina tkun wahda mehtiega. Dan ghaliex fil-mument illi persuna jidhrilha li ghandha tikkoreggi billi tirrikorri ghal uzu tal-vjolenza anke jekk din tkun wahda minima hija ma tistax tigi ggustifikata bl-ebda mod u allura jkun hemm necessarjment l-intenzjoni li wiehed jaghmel hsara sabiex jenforza r-rieda tieghu.

Illi hija l-fehma ta' din il-Qorti illi l-provi jippuntaw lejn ir-reita' tal-appellant tant illi l-feriti riskontrati fuq il-minuri konsistenti fi hmura u ugiegh huma kompatibbli aktar mal-verzjoni moghtija miz-zewg minuri milli ma' dik tal-missier li jishaq illi huwa zamm biss il-minuri minn spalltu minghajr ebda forza fizika ezagerata. Din il-verzjoni tal-mod kif sehhew il-fatti certament ma jista' qatt isarraf fil-feriti riskontrati sahansitra l-ghada meta allura l-hmura u l-ugiegh fil-minuri kien ghadu jippersisti. Tant kien irrabbjat il-missier ghal ibnu u tant huwa impikat mal-omm fl-agir tieghu fil-konfront ta' uliedu, illi fil-fatt iz-zewg minuri jirrakuntaw illi apparti il-ferita fl-ispalla, l-missier rega' ikkorega lil ibnu billi tah daqqa fuq rasu, indikazzjoni kwindi li l-incident ma setax kien wiehed accidentali.

Ikkunsidrat:

Illi jifdal biss l-aggravju marbut mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti li, fil-fehma tal-appellant, kienet waħda eċċessiva tenut kont taċ-ċirkostanzi tal-każ, kif ukoll tal-fatt li llum l-ġurnata hu għandu relazzjoni tajba ma uliedu, apparti li dan kien inċident iżolat, fejn il-ferita kkaġunata kienet waħda ta' portata żgħira. Din il-Qorti rat il-kunsiderazzjonijiet maghmula mill-Ewwel Qorti meta giet ghal kalibrazzjoni tal-piena, minn fejn jirrizultaw ir-ragunijiet kollha li wassluha ghal piena kif imposta, piena li *del resto* taqa' sewwasew fil-parametri tal-ligi. Din il-Qorti ma tarax għalfejn

għandha tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti għal dak li jirrigwarda l-*quantum* u n-natura tal-piena kif imposta, li allura ser tibqa' invarjata.

Għal dawn il-motivi din il-Qorti, taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius
Deputat Registratur